MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Numru 403/2007

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)

vs

Emanuel Said

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Emanuel Said detentur ta' karta ta' identita' numru 21053G, akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-Maghtab, matul il-gurnata tas-27 ta' April 2007 ikkommetta serq ta' zewg gidjiet minn gewwa 'Salvatore Farm', sitwat fi Triq it-Torri ta' l-Ghallies, Maghtab ghad-dannu ta' l-istess sid, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur ta' iktar minn Lm100 (mitt Lira Maltin) izda anqas minn Lm1000 (elf Lira Maltin) u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-artikoli 261(c)(g), 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi huma ta’ serq rigwardanti zewg gidjiet liema serq hu aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

Illi stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat tiddikjarah hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikoli 261(c)(g), 267, 271, 280 tal-Kap 9 u wara li qieset dak kollu li dehrilha li kellha tikkonsidra tiddeciedi li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal zmien sena mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor fl-istess zmien.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------